**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' April 2023**

**<u>Rikors numru: 7/2020 AGV</u>**

**NH - f' isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta'binha minuri XC**
**Vs**
**MC**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' NH** f'isimha *proprio* u bħala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri XC , datat 13 ta' Jannar 2020 fejn ippremettiet is-segwenti:-

**1.ILLI** r-rikorrenti ġiet ammessa għall-benefiċċju tal-għajnuna legali skont l-inkartament anness mal-medjazzjoni tal-ittra numru 839/19.

2. **ILLI** l-kontendenti huma l-ġenituri ta' **XC** li twieled fl-għoxrin ta' Mejju tal-elfejn u ħmistax (20.05.2015) hekk kif jirrizulta mill-estratt taċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru progressiv tnejn sitta tlieta tnejn tal-elfejn u ħmistax (2632/2015) hawn anness u mmarkat bħala '**Dok. NH 1'**.
3. **ILLI** in fatti l-minuri ġie rikonoxxut mill-intimat permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti hekk kif presjeduta mill-Imħallef Abigail Lofaro LL.D. fis-sebgħa t'Awwissu tal-elfejn u tmintax (7.08.2018) fl-ismijiet **' MC vs NH '** .
4. **ILLI** r-relazzjoni bejn il-kontendenti illum intemmet.
5. **ILLI** skont il-ligi, l-konvenut bħala missier il-minuri hawn fuq imsemmi għandu l-obbligu li jmantni u jeduka, skont il-mezzi tiegħu, l-istess minuri.
6. **ILLI** kemm ilu li twieled it-tifel minuri X, l-attriċi dejjem kienet hi li ħadet ħsieb il-kura u l-kustodja tat-tifel. Kif ukoll dejjem kienet hi li mantniet lit-tifel tagħha. L-intimat għalkemm irrikonoxxa lit-tifel qatt ma ta ebda manteniment jew ta xi tip ta' għajnuna sabiex jitrabba t-tifel minuri Xeznik.
7. **ILLI** l-konvenut mhux qed iħallas manteniment għall-istess minuri.
8. **ILLI** l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex iħallas manteniment baqa' inadempjenti.
9. **ILLI** l-konvenut ilu zmien twil ma jara l-minuri li jgħix mar-rikorrenti.
10. **ILLI** l-konvenut diġa' skonta diversi sentenzi ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin minħabba l-imġieba xejn xierqa tiegħu u liema imġieba mhijiex ezemplari għat-tifel minuri XC anke minħabba l-abbuz tad-droga u kif ukoll għadu għaddej proċeduri oħra.

11.**ILLI** l-esponenti ġiet awtorizzata tipproċedi bl-istanti b'Digriet tal-erbatax ta' Novembru tal-elfejn u dsatax (14.11.2019) hawn anness u mmarkat bħala '**Dok NH2'** minħabba li ma ntlaħaqx ftehim. Medjazzjoni preċedenti ukoll ġiet magħluqa mingħajr suċċess għal xi forma ta' ftehim.

12.**ILLI** għalhekk kellu jiġi intavolat dan ir-rikors ġuramentat.

**TGĦID** għalhekk l-istess rikorrenti l-għaliex ma għandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni meħtiega u opportuna, u għar-raġunijiet fuq imsemmija li:-

1. **TORDNA** illi l-kura u kustodja tal-minuri **XC** tigi fdata esklussivament lir-rikorrenti fl-aħjar interess suprem tal-minuri salv jekk ikun il-kaz u fl-interess tal-minuri kemm il-darba tintlaqa' xi talba għall-aċċess favur il-konvenut, dan l-aċċess għandu jingħata biss fil-prezenza ta' professjonisti li jaħdmu mal-Aġenzija Appoġġ, minħabba raġunijiet li ser jirrizultaw fil-mori tat-trattazzjoni tar-rikors ġuramentat sakemm ikun meħtieġ u fl-aħjar interess tal-minuri.

2. **TORDNA** li r-residenza tal-istess minuri tibqa' kif inhi fil-prezent ċioe mal-attrici.

3. **TIDDIKJARA u TIDDEĊIEDI** li l-konvenut bħala missier il-minuri **X C** għandu l-obbligu li jmantni u jeduka, skont il-mezzi tiegħu, l-istess minuri u dana b'effett mid-data tat-twelid tiegħu u ċioe' mill-għoxrin ta' Mejju tal-elfejn u ħmistax (20.05.2015).

4. **TILLIKWIDA**, jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi, ammont ta' manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attriċi bħala manteniment għall-minuri **XC** inkluz l-arretrati tal-istess li jinkludi nofs l-ispejjez tas-saħħa u edukazzjoni mid-data tat-twelid tal-istess minuri u ċioe' mill-għoxrin ta' Mejju tal-

elfejn u ħmistax (20.05.2015) filwaqt li **TISTABILIXXI** wkoll il-modalitajiet ta' kif għandu jithallas il-manteniment u ta' kif għandu jiġi rivedut u awmentat l-istess manteniment.

5. **TORDNA u TIKKUNDANNA** lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi dik is-somma ta' manteniment hekk likwidata fit-talba preċedenti bil-modalitajiet u termini kif stabbiliti inkluzi wkoll l-arretrati u (inkluz nofs l-ispejjez) tal-istess manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri u **TORDNA** illi dan il-manteniment jigi mnaqqas direttament mill-paga jew dħul jew assistenza socjali tal-konvenut.

6. **TORDNA** li *c-children's allowance* u/jew kull beneficcju ieħor rigward l-istess minuri jkunu perċepibbli lill-attriċi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta guramentata tal-istess MC li eccepixxa illi:-**

1. Fl-ewwel lok din ir-risposta guramentata qieghda ssir fit-terminu peress li meta kien jaghlaq it-terminu kien hemm l-gheluq tal-Qorti minhabba l-Coronavirus.

2. Illi t-tifel kellu jigi rikonoxxut wara battikata li l-istess attrici tat lill-konvenut li sahansitra kellu jispicca jaghmel kawza biex it-tifel gie effettivament registrat fuq ismu mill-2015 sas-7 ta Awwissu 2018 d-data tas-sentenza.

3. Illi l-attrici mhijiex mara idoneja biex ikollha l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri. Waqt illi l-esponenti ghandu certa fatti fl-imghoddi tieghu pero' NH ghandha mhux biss fil-passat imma anke fil-prezent u ghalhekk il-kura u l-kustodja m'ghandhiex tinghata effettivament lilha.

4. Illi dwar menteniment dovut l-esponenti lest li jassumi t-trobbija tat-tifel flimkien mal-familja paterna tieghu u cioe' missieru u zewg hutu tewmin bniet u ohtu ohra. Illi dawn diga' gew ezaminati mill-Agenzija Appogg u ghalhekk l-allegazzjonijiet li qed isiru huma zbaljati.

5. Ghandu jinghad ukoll li l-esponenti ghadu mhuwiex regolarment impjegat u stabbli minhabba l-problemi li fil-fatt ghandu qieghed isolvi, salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**FATTI**

**L-attrici** kienet ltaqghet mal-konvenut f'bar Paceville u kienu damu johorgu flimkien ghal cirka tlett snin. Tispjega li tul dawn is-snin kienu jiggieldu hafna u dan peress li l-konvenut kien jabbuza mid-droga. Tametti li ppruvat tghinu kemm il-darba. Izda meta kellhom tifel X C bdiet tibza ghalih peress li l-konvenut kien diehel u hiereg mill-habs.

Tispjega ukoll li kienet tmur mieghu ghax-xoghol ghax kien jahdem ma' missieru, fejn kien jaqla' €350 fil-gimgha u dan kienet taghmlu sabiex taccerta ruhha li jibqa' "clean."

L-attrici ssostni li ppruvat tirregolalu l-flus minhabba d-droga, izda meta ma kinitx itih kien jerfa' idejh fuqha. Kien hemm okkazjoni fejn ommha kienet tatha xi deheb u l-konvenut kien hadhomlha u meta kienu jargumentaw kien iheddidha li ser ibiegh id-deheb. Kien anke jehodilha d-debit card u kien juzah.

Illum tghid li hija mhix disposta li tafda lill-konvenut bil-minuri peress li ma temminx li nbidel ghax ghadu jhobb hajja ta' xalar u sustanzi, filwaqt li qed titlob manteniment minghand il-konvenut, peress li biex tiehu hsieb it-tifel m'ghandhiex cans tmur tahdem. Tikkonferma ukoll li l-konvenut ma hadimx biss sakemm kien ikun il-habs, izda minkejja dan qatt ma ta kaz il-bzonnijiet tat-tifel.

**Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonferma li mir-ricerka li ghamel jirrizulta li hemm il-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni VNA 566 irregistrata fuq l-attrici.[1] Ikkonferma ukoll li fil-passat kellha tlett vetturi ohra.[2]

Dwar il-konvenut ikkonferma jirrizulta li ma kellu ebda vettura rregistrata fuq ismu.[3]

**Joanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. tikkonferma li ir-ricerka li ghamlet jirrizulta li l-partijiet kellhom kont wiehed rispettivament. Il-konvenut kellu *savings account* li llum jinstab maghluq, filwaqt li l-attrici ghandha *savings account* li ghadu miftuh.[4]

[1] Dok. SC1
[2] Dok. SC2
[3] Doks. SC 3- SC 4
[4] Dok. JB 1

**Joseph Saliba**, in rapprezentanza ta' Jobs Plus ipprezenta l-employment history, kif ukoll ir-registration history tal-partijiet rispettivament.

**Dr. Marita Pace Dimech**, in rapprezentanza tal-Accountant General mid-Dipartiment tat-Tezor ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet ma rrizultax li kienu saru xi pagament lill-konvenut, kif ukoll li l-konvenut m'ghandu ebda stocks jew bonds mizmughin f'ismu.

**MA** , omm l-attrici tikkonferma li meta bintha l-attrici bdiet tohrog mal-konvenut ftit wara kienet harget tqila b' X . Kienet hi stess li wissiet lill-konvenut sabiex ikun missier responsabbli u jieqaf jiehu d-droga. Pero tghid li ma tantx kien hemm differenza fil-konvenut, ghax kien jisraq id-debit card tal-attrici u peress li kienet tahdem b' tal-linja kemm il-darba fil-ghaxijiet il-Marsa jixtri d-droga.

Irrizultaha ukoll li l-konvenut kein hadilha d-deheb li kienet tat l-attrici u dan sabiex jixtri d-droga. Kien hemm zgur tliett okkazzjonijiet fejn il-konvenut kien refa idejh fuq l-attrici ghax kienet icempilha sabiex tmur ghandha.

Tikkonferma ukoll li kien hemm okkazzjoni fejn kienu sabu lill-konvenut fil-banju b'overdose.

Icemplulha ghaliex ma kienx ikollha x'tiekol. L-ahhar li raw lill-konvenut kienu ghaddejin fit-triq hi flimkien mal-attrici u mar fuqhom il-konvenut ghax ried jara lit-tifel. Peress li ma rawhx f-siktu ma hallewhx jarah u qabad itihom , tant li kienu spiccaw il-Qorti.

**Dr. Alexia Aqulina** in rapprezontanza tar-registratur tal-Qrati Civili pprezentat stanzi u digrieti li nghataw mill-Qrati Civili fil-konfront ttal-konvenut. Hemm sentenza tal-Imhallef Abigail Lofaro nru 104/18Dok AA1.

Ipprezentat ukoll kopji tar-ricerki li ghamlet Dok AA2.

**Il-konvenut** ighid li wara li l-attrici welldet tarbija X ma setax trranga r-relazzjoni bejnithom u dan wara li pratikament immtela kienet bdiet relazzjoni ma ragel iehor u ftit wara kienet harget tqila ukoll.

Il-konvenut jakkuza lill-attrici ukoll li tabbuza mill-kokaina, Jammetti li illum qed jaghmel hiltu biex jipprova jegheleb il-problema tad-droga.

Jispjega li ghandu problema sabiex isib impjieg u dan minhabba l-problemi kriminali li kellu, ismu xxandar fuq il-media , bir-rizultat li sar maghruf u kullhadd jibza jimpjegah.

Jinnega li jahdem ma' missieru izda xi kultant ikollu bzonn l-ghajnuna u jmur ighinu.

Illum ighid li nbiddel , minkejja li kellu passat kemm xejn hazin (tkompli x-xhieda tal-konvenut).

**KC** oht il-konvnut tikkonferma li kien hemm zmien meta huha l-konvenut kien thawwad sew izda illum inbiddel ikoll ighixu ma missierhom.

Tikkonferma li l-konvenut kien jaqa beneficcji socjali peress li kien jiehu hsieb nanntu izda illum mietet u ghalhekk dawn il-beneficcji waqfu. Illum jircivie l-beneficcji tas-single parent ghaliex kellu tifel iehor N li wara li sar l-assessjer mill-Appogg gie affdat it-tifel.

Jghid li illum hafna drabi l-konvenut qed johrog Clean meta jmur jaghmel it-testijiet tal-urina.

Dwar it-tifel Xeznik tikkonferma li l-konvenut ilu ma jarah ghal cirka Erba snin.

**EC** missier il-konvenut jammetti li wara li martu telqet mid-dar it-tifel tharbat u qaqbad il-vizzju tad-droga kien mar ighix man-nanna patrna u kien jircivi l-beneficcji socjali ta Carer.

Illum qed jigi segwit biex tigi kkonfermata li hiereg mill-problemi tad-droga.

Jishaq ukoll li l-konvenut gie ezaminat mill-agenzjij Appogg u dan fuq tifel iehor li ghandu u wara li kien inhareg Care Order mid-29 ta Ottubbru 2021, it-tifel gie mieghu.

L-ahhar kaz li kellu kien fil-2016 u minn dakinhar ma regax kellu problemi mal-pulizijia.

Dwar l-attrici jsostni li taghmilha difficli ghall-konvenut biex jara lil-ibnu. Ighid li l-istess attrici tghix ma' certu wiehed XE. u t-tifel mhux qed jitrabba f'ambjent tajjeb. Jaf ukoll ighid l-attrici mcappsa bid-droga ukoll.

Dwar il-konvenut jikkonferma li hafna drabi jiehdu mieghu ix-xoghol biex izommu taht ghajnejh. Ighid ukoll li ma jaghtix paga izda jaghtih dak li ghandu bzonn b'mod limitat u dan sabiex jevita li jerga jaqa fil-vizzju tad-droga.

Il-konvenut jistqarr li sakemm it-tifel kellu sentejn l-attrici kienet thallieh jarah u kien ighaddilha l-manteniment. Jametti li kien hemm drabi fejn l-attrici kienet taghih il-flus lura ghax kienet tarah imkisser

Ammetta li kien waqaf jara lit-tifel wara li kellu xi jghid mal-attici u kienet daqqa cavetta. U kellhom jintervjenu l-pulizija.

Dawr id-droga inkontro ezami jametti li mit-testijiet li qed isirulu qed johrog Clean minkejja li peress li kien addict ma jistax jikkonferma li hareg mill-vizzju ghal kollox qed isegwi programm il-Mosta.

Meta hareg mill-habs l-ewwel darba kien ghamel sentejn clean ,izda mbaghad mietet nanntu u rega' waqa' ghad-droga.

**Andreana Gellel** ipprezentat ir-rapport taghha fit- 12 ta' Mejju 2022, in rapprezentanza tad- Direttorat tal-Harsien tat-Tfal wara li sar assessjar fuq it-tifel jirrizulta li qieghed jitrabba minn ommu l-attrici tghid ukoll li l-allegazzjonijiet li li l-attrici tabbuza mid-droga ma jirrizultawx u dan wara li saru testijiet tossikologoici fuqha u fuq siehbitha.

Dwar il-konvenut tghid li ilu jmur u jattendi ghas-servizz tal-Caritas u dan biex jghati kampjuni tal-urina dejjem qed imur fl-istess gurnata. Ghalhekk kienu talbuh sabiex imur granet ohrajn sabiex forsi wera illi hu negattiv. Pero’ dan ma sarx minn naha tieghu ghalhekk ma kellhomx konfermazzjoni li huwa clean.

Dwar il-minuri , mill-assersjar irrizulta li jibza’ minn missieru u m’ hemmx relazzjoni soda u stabbli mieghu.

Fuq dan il-fatt u l-fatt li ma setghux jikkonfermaw li l-konvenut huwa clean fuq jirrakkomandaw li ma jsirx access.

Ikkonfermat ukoll li da parti taghhom dejjem kien hemm tentattivi u kkoraggiet komunikazzjoni bejn il-missier u l-minuri

**Konsiderazzjonijiet**

**Kura u Kustodja**

Il-partijiet kellhom tifel bejnithom X u u mill-provi li resqet l-attrici, il-konvenut qatt ma kien hemm ghall -ibnu, partikolarment minhabba l-vizzju tad-droga.

l-Attrici tispjega kif verament kienet tibza ghall-hajja tat-tifel peress li l-konvenut ma kienx jirraguna meta jkun taht l-effet tad-droga.

Il-konvenut izzid jghid li prova kemm il-darba jaghmel kuntatt mat-tifel, izda l-attrici hlief ghall-bidu ma kienetx thallih jarah. Huwa stabblit li l-konvenut illum

ilu ma jara lil ibnu ghall dawn l-ahhar hames snin. Dan kien wara li kellhom xi jghidu u gew fl-idejn.

Fid-decizjonijiet taghha dwar il-kura u kustodja, dina l-Qorti dejjem ghandha l-ewwel u qabel kollox tharess l-interess supremi tal-minuri.

Adriana Gellel, rapprezentanta tad-Direttorat ghall-harsin tat-Tfal u social worker fit-Taqsima Court Services ghamlet l-assessjar taghha minn fejn irrizulta li l-minuri X qed jitrabba f'ambjent tajjeb jattendi l-iskola regolarment obedjenti ghall-ordnijiet t'ommu. Jirrizulta ukoll li ghandu relazzjoni tajba ma huh li twieled minn relazzjoni ohra tal-attrici.

Gellel ukoll ghamlet l-assessjar fuq l-allegazzjonijiet li saru mill-Familjari il-konvenut li l-istess attrici tabbuza mid-droga. Testijiet tossikologici irrizultaw fin-negattiv u dan fil-kaz taghha kif ukoll tas-sieheb taghha u inoltre ma kien hemm xejn iktar x'jindika li seta kien hemm problemi f'dan is-sens.

Rigward il-problema tad-droga tal-konvenut jidher li qed issegwi programm tal-Caritas u mix-xhieda tieghu u tal-familjari rispettivi tieghu donnu jrid jaghti x'jifhem li qabad it-triq it-tajba u kull darba li jaghmel it-testijiet tal-urina qed jirrizulta Clean.

Mhix daqshekk konvinta hija Andreana Gellel li accennat ghal-fatt li l-konvenut jattendi tas-sestijiet tossikologici kull nhar ta' Gimgha l-Caritas b'mod konsistenti

u irrifjuta li jigi assoggettat ghat-testijiet f'granet ohra li jaghmel id-Direttorat biex jaghmel l-assessjar tieghu.

Gellel tinterpreta dan in-nuqqas ta kooperazzjoni bhala incertezza fuq l-istat tal-konvenut u jekk huwiex verament Clean.

Il-konvenut stess jammetti li mill-vizzji huwa difficli tohrog ghalkemm qed issegwi l-programm peress it-tentazzjoni dejjem hemm huma. Missieru ukoll donnu ghadu mhux konvint li ibnu l-konvenut gheleb il-problema tad-droga u dan meta jzommu mieghu x-xoghol, izda ma jtighix paga izda jghinu finanzjarjament sabiex jevta li jkollu l-flus f' idejh u jerga jidhol fil-vizzju . Jametti pero' li ibnu qed jaghmel progress.

In kwantu relazzjoni bejn Xeznik u missieru l-konvenut mill-assasssjar li sar mid-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal jirrizulta li l-minuri jibza hafna minn missieru li mhux mhajjar li jarah. Il-biza' termani mill-esperjenzi li ra u ghadda minnhom it-tifel

Ghalhekk tenut kont ta dan ukolll kif ukoll minn dak irrakkomandat minn Adriana Gellel it-tifel mhux lest li jkollu access ghal missieru il-konvenut u mhux ser ikun sakemm jeghleb il-biza li ghandu. Mizjed ma dan hemm il-fattur li l-konvenut mhux konvincenti ghal kollox li gheleb u hareg mill-vizzju tad-droga.

Ghaldaqstant, il-kura u kustodja ghandha tigi fdata esklussivament lill-attrici u ghalissa l-access ghandu jigi sospiz sakemm isir assessjar fiz-zmien sena millum

mid-Direttorat u jaghti r-rakkomandazzjoni mehtiega huwa irrakkomandat ukoll li l-konvenut ifittex l-ghajnuna tal-professjonisti .

**Manteniment.**

Dwar il-manteniment ma ngabux provi konkreti dwar l-ispejjez u nefqa li ghandha l-attrici ghall-minuri.

Il-konvenut ried jikkonvinci lil dina l-Qorti li ghal bidu meta twieled X kien itih il-manteniment, li izda kien hemm drabi fejn l-attrici kienet itih il-flus lura peress li kienet tarah fil-bzonn.

Il-konvenut jikkura sitwazzjoni fejn isostni li huwa difficli ghalih li jsib impjieg peress li ismu thammeg bil-media li rrapportat id-diversi kazijiet tieghu relatati mad-droga u zmien fil-passat tieghu fejn kien sfretta sew.

Jidher li l-unikament introjtu li ghandu huwa minghand missieru , li ghandu negozzju ta installazzjonijiet tas shutters il-konvenut ighid li jmur ighin lil missieru meta jkollu bzonn. Fl-istess waqt missier il-konvenut b'mod konvincenti xehed quddiem dina l-Qorti li ma jixtieqx jaghti paga lill-konvenut sabiex jevita li jiberbaqqhom fuq droga. Ghalhekk ghazel li jtih biss xi flus ghall-bzonnijiet.

Ghalhekk dina l-Qorti tifhem li l-introjtu tal-konvenut huwa partikolarment inezistenti u tifhem ghaliex.

Ciononostante ma jfissirx li minhabba vizzju mishut ghandu jbati l-minuri u terfa' r-responsabbilitajiet biss l-omm.

Ghalhekk l-iktar mod sikur u garantit ghall-minuri li jircievi manteniment u fl-istess waqt il-flus ma jmorrux f'idejh il-konvenut bir-riskju li hemm il-qorti thoss li l-ahjar soluzzjoni li missier il-Konvenut EC ighaddi somma ta' €200 lill-attrici permezz ta standing order f'kont bankarju indikat mill-attrici u dawn jitnaqqsu bhala forma tal-paga tal-konvenut mill-istess missier.

Dawn ghandhom jinkludu ukoll l-ispejjez tal-Edukazzjoni u tas-Sahha.

<u>Arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid.</u>

l-attrici qed titlob li l-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri u dan sa mid-data tat-twelid u cioe' mill-20 ta' Mejju 2015.

Mhux diskuss li l-minuri jkollu hafna bzonnijiet tieghu izda l-attrici naqset ghal darda ohra taghti indikazzjoni tal-ispejjez li rikkorit tuli s-snin.

Ghandu jigi kkunsidrat ukoll li meta l-konvenut xehede li kien jghaddi manteniment ghat-tifel fil-bidu li hassru, kien hemm drabi fejn l-attrici kienet tghidlu biex izomm il-flus ghaliex kienet taf li kellu bzonn. Dan ma giex konfermat mill-attrici.

Inoltre tul dan il-perjodu il-konvenut ghadda hafna hin il-habs u ghalhekk kien impossibli ghalih li jkollu introjtu u addiritura impjieg.

Wara li  l-Qorti qiset dan kollu thoss li ghall-perjodu bejn Mejju 2015 sallum il-konvenut ghandu ikoun obbligat ihallas is-somma ta  €100 fix-xahar (2015-20022  €100 x 7 snin=  €1200 x7=  €8,400 + €300 ( JAN – Marzu 2023.) = €8,700.

Mid-data tas-sentenza il-mantenimet ghadhu ikun fil-ammont ta  €200 fix-xahar (li jikludi ukoll l-ispejjes edukattivi u tas-sahha) liema ammont ghandu jithallas minn missier il-konvenut in sostituzjoni tal-paga li jista jircievi.

L-istess ammont ghandu jithallas permezz ta standing order kif imfisser aktar 'il fuq

**DECIDE;**

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti taqbel u tiddeciedi billi-

1. Tilqa l-ewwel talba attrici kif imfisser aktar l' fuq fis-sub- titolu Kura u Kustodja.

2. Tilqa' it-tieni talba attrici.

3. Tilqa' it-tielet talba attrici.

4. Tilqa r-raba talba attrici u tiffissa l-manteniment skond kif imfisser iktar 'il fuq fis-subtitoli Manteniment u arretrati ta' manteniment mid-data tat-twelid.
   L-istess manteniment ghandu jigi rivedut kull sentejn skond l-gholi tal-hajja.

5. Tilqa' il-hames talba attrici u tordna l-hlas kif fuq imfisser.

6. Tilqa s-sitt talba attrici.

**L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu interament sopportati mill-konvenut .**

**Onor. Imhallef A.J. Vella   Registratur**

**Cettina Gauci- Dep Reg**